MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1374/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Maria Victoria Abela Marsala (ID 403671M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm837.05), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21667904, (CN995014 AC10022280). Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra li fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2005, dehret il-konvenuta u talbet zmien ghall-hlas, u li s-socjeta` attrici m'opponietx.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm837.05) bl-imghax legali dekoribbli mis-6 ta' Lulju, 2005, b'dana pero` li qed jinghata l-beneficcju li l-konvenuta teffettwa l-pagament dovut f'rati mensili ta' tletin lira Maltin fi-xahar, l-ewwel pagament isir fil-15 ta' Novembru, 2005, u konsegwentement fil-15 il-jum ta' kull xahar konsekuttiv, b'dana pero` li l-konvenuta tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu kemm-il ldarba tkun moruza f'pagament wiehed, f'liema kaz is-socjeta` attrici tkun tista' tesegwixxi fuq il-bilanc.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------